MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 2468/2003

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Nicholas Caruana sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Nicholas Caruana**

**Vs**

**Giovanni Cachia**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm290.16 (mitejn u disghin lira Maltin u sittax-il centezmu) bhala danni kkagunati f'kollizjoni li grat fl-20 ta' Awissu 2002 f'Birkirkara bejn vetturi EBC 351 u DBA 804 misjuqa minn Nicholas Caruana u l-konvenut rispettivament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata fit-13 ta' Ottubru 2002 u fil-11 ta' Dicembru 2003 u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fil-25 ta’ Gunju 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fis-27 ta’ Settembru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------